# il-Ħuttafa

Numru 166

Settembru - Ottubru 2021



Bulebbiet

Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf

BirdLife MALTA

Klabb Ħuttaf



Aron Tanti

Il-**Pitirross** (Robin) iħobb jonfoħ rixu ħalli jżomm sħun!

# Ħbieb naturalisti...

## mill-editur

Mmmmm... wasal l-istaġun l-iktar għal qalbi. Il-ħarifa!

Il-ġranet jiqsaru u s-siġar malajr jindunaw. Il-weraq jibda jisfar, jinxef u jaqa'. Ilwien sbieħ.

Imma ħafna pjanti jagħmlu l-maqlub. Flok iwaqqgħu l-weraq jibdew ikabbru weraq ġdid.

U żiljun żerriegħa jinbtu mill-ħamrija, u l-art issir tapit aħdar.

X'ikun is-swiċċ li jqajjem tant u tant pjanti u żerriegħa?

Ovvja, hux... ix-xita! Kif l-art tixxarrab u tagħmel dik ir-riħa taqsam, l-ilma jħoll is-sustanzi fil-ħamrija u l-għeruq tal-pjanti jsibu ruħhom jgħumu fi *smoothie* sħiħ ta' tjubija. X'ma jqumux mir-raqda!

Max-xita jqumu wkoll ħafna żrinġijiet, wara sajf reqdin fit-tajn. Ikollhom ġuħ klubi u ġenn biex jitmattru, jaqbżu u jixxalaw fl-ilma tal-għadajjar u l-widien.

U mal-ħarifa sintendi jaslu salt għasafar. Ħafna minnhom jieqfu Malta għal ftit sigħat jew ġranet biss, kemm kemm jistrieħu u forsi jieklu xi ħaġa, imbagħad ikomplu triqthom lejn l-Afrika. Bħall-fjamingu li ġibna f'paġna 3.

Ħafna għasafar oħra jaslu hawn biex jgħixu x-xitwa kollha magħna. Jinfirxu fil-kampanja u l-ġonna u jimlew kullimkien bil-kulur, biċ-ċaqliq u bl-għana tagħhom. Fost dawn il-ħbieb żgħar jiġu z-zakak abjad, il-buċaqq tax-xitwa u l-pitirross (iktar f'paġna 7). Jien jaqbadni ġenn biex noħroġ nimxi fil-kampanja bit-tromba u l-kamera. Nipprova nagħraf il-pjanti ġodda jispuntaw mill-ħamrija, u niċċekkja kull ċaqliqa fuq is-sejjieħ u l-arbuxxelli.

Kif *tista'* ma tħobbhiex il-ħarifa?

Victor

**Victor Falzon** L-Editur



Victor Falzon

Klabb Ħuttaf · Dinja Waħda · BirdLife MALTA

## F'din il-ħarġa...


| | |
|---|---|
| **Mill-editur** | **2** |
| **Aħbarijiet** | **3** |
| **X'rajt fil-ġnien** | **4** |
| **Ilek ma tmur l-Għadira?** | **5** |
| **The Maltese top-shell** | **6** |
| **Jiġu għax-xitwa** | **7** |
| **Il-pluverott** | **8–9** |
| **Awesome shark facts** | **10** |
| **Colour the turtle-dove** | **11** |
| **Ġonna Dinja Waħda** | **12** |
| **Eat less meat • Smiley news** | **13** |
| **A letter...** | **13** |
| **Tiftixa dwar l-ambjent** | **14** |
| **Il-fenek** | **15** |
| **Saving the pandas** | **16** |


## Min kiteb f'dil-ħarġa?

Thais Amaral (National Aquarium), Elena (Ecohive), Desirée Falzon, Victor Falzon, Marie Vella (BOV)

## Klabb Ħuttaf

Klabb Ħuttaf is the junior (under 16) section of BirdLife Malta.

- Members can attend club activities like walks, visits to nature reserves, boat trips and also do environmental work
- Members receive *Il-Ħuttafa* every 2 months.

Your family too can become member, and you will then get *Bird's Eye View* magazine too. Annual subscription is €10 for Klabb Ħuttaf and €20 for Family.

## Kuntatt


tel **21347645 / 21347646**
**emergency injured bird 79255697**
address **57/28 Triq Abate Rigord Ta' Xbiex XBX 1120**
email **info@birdlifemalta.org**
website **www.birdlifemalta.org**


© BirdLife Malta, Ottubru 2021
Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print
Reg.Vol.Org. VO/0052

## FUQ QUDDIEM


Ritratt ta' Aron Tanti

### Bulebbiet

*Wryneck Jynx torquilla*

Il-bulebbiet huwa l-uniku għasfur mill-familja tal-*woodpeckers* li jiġi Malta. Però għalkemm jiġi minnhom m'għandux dik id-drawwa famuża li jtaqqab l-injam. Il-bulebbiet mhux faċli tarah għax għandu l-kuluri speċjalment ta' dahru qishom zokk niexef imfellel. Ħafna drabi tinduna bih għax tisimgħu – għandu għajta qisu xi ħadd qed jidħaq bik!

Naħseb għalija qed jgħid.

# Roża fir-Riserva


Aron Tanti

**Ftit ġranet ilu dal-ġmiel ta' fjamingu *(greater flamingo)* għamel tmiem il-ġimgħa fir-riserva naturali tal-Għadira.**

**Waqt li kien hemm għall-kwiet qagħad jippassiġġa fl-ilma baxx jistad għall-gambli. Straħ ukoll mill-vjaġġ twil li għamel, forsi ġie minn Sqallija jew Sardenja, jew iktar mill-bogħod. Imbagħad qajjem rixu u tar biex ikompli l-vjaġġ tiegħu.**

**Min żar l-Għadira f'dawk il-ġranet kien tassew b'xortih. Aħna hekk inħobbu narawhom il-fjamingi: ħajjin u ħielsa. B'xorti ħażina hawn nies kriminali li jippreferu jisparawlhom.**

L-isem xjentifiku huwa *Phoenicopterus roseus.*

X'għedt? Ħelikopterus?

# Mostru ġdid għall-istorbju u t-tniġġis



Medda kbira art f'Ħal Far se tinbidel f'korsa għat-tlielaq tal-karozzi. Skont pjan li deher fil-gazzetti, l-art fiha area ta' xi 15-il grawnd tal-futbol u se tkun biss 1.5km bogħod mir-residenti ta' Birżebbuġa. Tgħid se jifirħu bl-istorbu tal-karozzi? Se jieħdu gost ixommu d-dħaħen mill-egżost?

F'pajjiż daqs tikka bħal Malta, tiskanta kif hawn nies li jibqgħu jivvintaw proġetti dejjem iktar mostrużi.

Proġetti bla sens!

... u bla bżonn!

# Ċaw Isabel!

Fil-15 Settembru, ġmiel ta' **avultun abjad** dehret tittajjar fuq Malta. Kienet fi triqitha lejn l-Afrika u din kienet l-ewwel passa tagħha.

Din kienet waħda minn grupp ta' avultuni li trabbew fl-Italja b'kura u spejjeż kbar. L-avultun abjad (*Egyptian vulture*) qiegħed fil-periklu li jsir estint, għalhekk hemm diversi proġetti fejn qed irabbu dawn l-għasafar u jitilquhom la jikbru. B'hekk forsi n-numru tagħhom fis-selvaġġ jerġa' jikber.

L-avultun kien jisimha Isabel, u bis-saħħa ta' *tracking device* li kellha fuqha, dawk li rabbewha segwew bil-GPS ir-rotta tagħha. Rawha dieħla fuq Għawdex, imma meta Isabel waslet fuq Ħad-Dingli, qatilha kaċċatur.

Il-laħam tal-avultun mhux tajjeb għall-ikel. L-avultun joqtluh biss ħalli jibbalzmawh, jiġifieri jagħmluh statwa biex iżejnu s-salott bih. Prosit ħej!



Victor Falzon

Waw! X'qed tieħu mal-ikel?

Spinaċi!

# X'rajt fil-ġnien 3

**Desirée Falzon**
Detektiv




Desirée Falzon




Skarlat
Broad Scarlet

Fil-ġnien għandi vaska żgħira. Kont għamiltha biex ikolli ħabitati differenti ħalli nżid in-natura. Ġo fiha kont għamilt xi żewġ tipi ta' pjanti li ssib fil-widien bl-ilma, għax fejn hemm il-pjanti ħa ssib il-ħajja.

Darba ħriġt nittawwal lejn il-vaska u fuq werqa ta' bisbula tal-ilma rajt qisha biċċa plastik kannella mwaħħla. Qabditni kurżità x'setgħet kienet u mort niġri nġib il-kamera. Ħadt ritratt tal-ħaġa biex naraha mkabbra fuq l-iskrin tal-kompjuter.

Mir-ritratt imkabbar rajt li kienet qisha qoxra rqiqa ta' annimal twil. Imma x'annimal seta' kien? Innutajt li kien hemm il-forma ta' sitt saqajn. Ħmm, mela dil-qoxra kienet ta' xi insett. U fil-qoxra kien hemm ukoll il-forma ta' żewġ għajnejn kbar. Mela dan kien insett b'għajnejn kbar u twil.

Tgħid mazzarell? Imma l-mazzarell (*dragonfly*) ikollu erba' ġwienaħ kbar, u din il-qoxra ma kellhiex il-forom tal-ġwienaħ.

F'daqqa waħda ftakart li l-mazzarelli jbidu fl-ilma u li ż-żgħar tagħhom, li jgħixu fl-ilma, ma jkollhomx ġwienaħ. Huma u jikbru jrabbu l-ġwienaħ imma dawn ikunu żgħar ħafna u jkunu qishom mixrubin.

Meta jkun kiber biżżejjed, il-ferħ tal-mazzarell joħroġ bil-lejl mill-ilma, u joqgħod ftit sigħat iggranfat ma' zokk jew werqa. Sadattant tibda tinqasam il-ġilda l-antika, u joħroġ minnha l-mazzarell adult. Ftit ftit jonfoħ il-ġwienaħ u fl-aħħar jitlaq itir. Il-ġilda vojta jħalliha warajh imqabbda mal-werqa.

U dik li kont sibt jien!



**Mazzarell ħiereġ frisk mill-qoxra.**

# Ilek ma tmur...
# sar-riserva tal-Għadira?

Aron Tanti

**L-Għadira hija waħda mill-erba' riservi naturali li tieħu ħsiebhom il-BirdLife. Issa li għamlet ftit tax-xita, l-għadajjar bdew jimtlew, l-art bdiet tiħdar u diġà waslu xi għasafar tax-xitwa. Il-post fih għaxqa! Aqbżu qabża!**




**Fil-ħarifa l-arbuxxelli tax-xorbett ikunu ppakkjati bil-fjuri dehbija.**




**Mit-twieqi tal-ħajd forsi tilmaħ xi blonġun żgħir iċafċaf u jogħdos fl-ilma.**




**L-ajru jkun ġenn sħiħ ta' mazzarelli jżiġġu 'l hawn u 'l hemm, għaddejin fuq xogħolhom.**

## Ħinijiet ta' ftuħ

Sibt u Ħadd mill-10am sal-4pm
Matul il-ġimgħa* mis-2pm sas-7pm
**Dħul bla ħlas.**

*ħlief nhar t'Erbgħa




## X'qed tistenna?!

# The Maltese Top-Shell

**The Maltese Top-shell** also scientifically known as ***Steromphala nivosa*** is a threatened species, which is native to the Maltese islands.

This species is a small, attractively coloured, marine snail that was first described in 1851. Its size ranges between 3mm and 9mm and has a shell with brown with white squares arranged in rows especially at the shell's rounded base, with fine brown lines descending on the spiral conical-shaped shell.

Despite extensive efforts, no live individuals of this rare species were found between 1981 and 2005. Nevertheless, they were found in a variety of different locations between 2006 and 2010.



The orange area shows the Marine Protected Areas which are important for the **Maltese Top-shell**

The Maltese Top-shell can be typically found in shallow seas up to five meters deep. Recent studies have discovered that cobble and pebble stone beds may be an important habitat for this species. They are also known to forage in *Posidonia oceanica* and *Cymodocea nodosa* seagrass beds.

Maltese Top-shells are a nocturnal species that wander through the night to find food and return during the day to avoid engaging with predators.



The Maltese Top-shell

The Maltese Top-shell is considered as strictly protected through national, international and EU legislation. In fact, a number of Marine Protected Areas have been declared to protect this species and its habitats.

For more information visit **era.org.mt**



ERA Environment & Resources Authority

Photos - Dr Julian Evans

The Maltese Top-shell

# Jiġu għax-Xitwa

Ħafna għasafar jiġu Malta biex jaħarbu mill-ksieħ tal-Ewropa ta' fuq. Dawn tmienja minnhom.

Aqra s-sentenzi u ara tagħrafx liema huma l-għasafar.













Iz-zakak abjad denbu twil.

Il-pitirross sidru oranġjo.

Il-buċaqq tax-xitwa rasu sewda u sidru ħamrani.

Il-blonġun sekond jgħum bħall-papri.




Il-vjolin tax-xitwa żgħir u ħadrani.

Il-fjamma sewda denbha ħamrani.

Il-pespus sidru ttikkjat iswed.










L-isturnell iswed bit-tikek bojod.

# Pluverott

Common Redshank *Tringa totanus*



Ritratt ta' **Aron Tanti** meħud fir-**riserva naturali tal-Għadira**



BirdLife MALTA

# JAWSOME FACTS ABOUT SHARKS!

Malta hosts more than 30 species of sharks, but they stay far from the coast and in deeper waters than where we go swimming, so it is very unlikely to find one. Check the table to test your knowledge about them!



On the left we see the biggest type of shark: a whale shark, which can reach up to 12m! And, on the right, the smallest one, which can fit into a human hand: the dwarf lanternshark.



| SHARKY FACT | TRUE | FALSE | WANNA KNOW WHY? |
|---|---|---|---|
| Sharks are fish that live in every ocean. | ✓ | | A few sharks even swim up rivers, and at least one species (the bull shark) is sometimes found in freshwater. |
| All sharks look alike. | | ✓ | Many kinds of sharks which live in the open ocean have torpedo-shaped bodies. However, they can also be flattened, more colourful, eel-like... it all depends on their habitat and lifestyle! |
| Sharks were around before dinosaurs. | ✓ | | Most sharks, as we know them today, developed during the Cretaceous Period, about 64 million years ago - a times when dinosaurs still ruled the Earth! |
| Shark skeletons are made out of the same material as your nose and ears. | ✓ | | A shark doesn't have one single bone in its body. Its skull, spinal column and fins' supports are made of cartilage! |
| All sharks have very sharp teeth. | | ✓ | Each kind of shark has teeth suited to its lifestyle, being like a knife, a fork, sharp, rounded, flat, large, small... it all depends on what the shark eats! |
| Sharks have very poor eyesight. | | ✓ | Most sharks see very well, especially the ones that live and hunt close to the surface. The ones who stay at the bottom or in dark and deep areas don't have to rely on sight as much as their other senses. |
| Some sharks lay eggs. | ✓ | | Yup - and the fishermen call it the "mermaid's purse"! Some kinds of sharks, especially small sharks that live near the seafloor, lay eggs - but most sharks give birth to live young. |
| Sharks are dangerous. | | ✓ | Definitely not! Of the more than 400 different kinds of sharks found in the ocean, only around 10 are most often involved in attacks/bad interactions with humans, especially the ones that people usually fear like the great white shark, the tiger shark and the bull shark. These accidents are also happening more often because we are destroying their environment, getting closer to their natural habitats and food chains are out of balance (so they get hungry!). |




MALTA NATIONAL AQUARIUM

# Colour the turtle dove

Victor Falzon



The **European turtle-dove** is a lovely wild cousin of the pigeon. Turtle-doves visit Malta in spring and in autumn, but every year they get rarer and rarer. I'm so sad that hunters still want to kill these beautiful birds.






**Common Stingray**
Photo by Timmy Galea (10)



Have you seen my wife? She's about this tall ... black and white.

## ays! Club Days! Fun Days! Club D



**We at Klabb Ħuttaf are all the time organising fun days with exciting activities and adventures for you and your family. So always check out our website**

**www.birdlifemalta.org/events**

**for news about our next awesome activity**



# Ġonna Dinja Waħda

**Ġnien Dinja Waħda huwa ġnien speċjali maħsub biex jiġbed in-natura lejh. Il-BirdLife ilha ħafna snin tgħin skejjel biex joħolqu dawn il-ġonna, fejn in-natura tinfirex u l-istudenti jgawdu u jitgħallmu. Nittawlu lejn uħud minnhom...**



Victor Falzon

**Post:** Skola Sekondarja Mrieħel • Kulleġġ Santa Tereża

**L-isem tal-ġnien:** West End

**Area tal-ġnien:** 840m²

Dan kien wieħed mill-ewwel Ġonna Dinja Waħda li ħloqna. L-istudenti u l-għalliema semmewh **West End** għax qiegħed fit-tarf tal-punent tal-iskola.




Desirée Falzon

Illum...

1 Alaternu
2 Ċipress
3 Għargħar
4 Ta' Ġuda
5 Ballut
6 Għansar
7 Tengħud

Il-Welcome Sign!



Victor Falzon

Qabel...

Qabel ma bdejna naħdmu fih, il-ġnien kien jinħarat bil-mutur u kull ma jikber kien jitqaċċat.

**Illum l-art ma titqallibx u għalhekk diversi pjanti setgħu jikbru bla ma tħarbtu.**



Desirée Falzon

Studenti tax-xjenza qed josservaw il-ħajja fil-vaska.



Victor Falzon



Fl-2009 għamilna vaska, għax fejn hemm l-ilma hemm il-ħajja. Daħħalna fiha xi pjanti tal-ilma... u malajr tfaċċaw l-imrieżeb u ż-żrinġijiet!



Desirée Falzon



Fl-2012 ħloqna rokna ħelwa għall-qari. Daħħalna fiha xi pjanti biex meta jikbru jagħmlu d-dell... u malajr tfaċċaw l-istudenti!




Victor Falzon

Il-pjanta tal-West End



Desirée Falzon

L-istudenti ħawlu ħafna siġar, fosthom ringiela oljandru

# So you want to help the planet?



## Eat less meat!

Billions of people eat hamburgers. Hamburgers come from cows. To make all those burgers you need millions and millions of cows. Now cows are big animals, they eat tons of food until they grow up to be turned into burgers. To grow ALL that food for ALL those cows you need lots and lots of land. So what the farmers do is burn the rainforests. Then they turn the land into fields.

So the more burgers we eat, the more forests will burn. But we need those forests to fight climate change and keep the world cool!

Oh yes, and the jaguars and monkeys and parrots who live in those forests need their home too!

So if you want to save the forests, it's easy! Just eat less meat.

There's loads of delicious veggie burgers and sausages we can eat instead of meat. They taste just as good but they're made from plants instead.

If everyone eats just 10% less meat, that's already 30 million cows we won't need.

# Smiley ~~and Grumpy~~

Good news ~~and bad news~~ from around the world

## Go Greenland!



Greenland has just said stop to big oil companies like Shell and Exxon from digging for oil there. That's great news!

Greenland is a huge land near the north pole. Most of it is covered in ice and glaciers, so this makes Greenland very special for nature. But the ice is slowly melting because of climate change.




Greenlanders want to protect their country and their nature. They don't want anyone sucking up dirty oil from the ground and from the bottom of the sea.

The big oil companies promised Greenland lots of money to get permission to dig for oil. But Greenlanders don't want the dirty money. They'd rather have a beautiful country.

We are sure the polar bears, walruses and beluga whales all agree!

## A letter from two nature lovers...

*Dear Readers,*

*We hope you all had a great summer, and we hope you also found time to enjoy the flora and fauna around Malta.*

*After reading the May-June issue of Il-Ħuttafa we decided to organise family mini clean-ups. Every Saturday we enjoyed swimming at a small sandy beach on Manoel Island. But unfortunately we noticed lots of glass and plastic litter in the sea and on the sand. So every week we dedicated some of our time to do our mini clean-ups.*

*Taking care of the beach can save sea creatures from getting hurt or even choking. The plastic and metal we found we placed in the recycling bins. We also collected four buckets of glass but we didn't throw that away. Instead, we created our own sea glass art, which was so much fun!*

*Luca (11) and Amelia (8) Vella*





Dear Luca and Amelia,

You guys are amazing! Great idea, great art, and a big helping hand to nature. Well done you!

The Editor

# TiFtiXa dwar l-ambjent Malti



| | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| S | Ż | R | U | T | Ħ | A | Ġ | IE | B | R | I | M | B | A |
| GĦ | U | O | Ġ | L | Q | O | A | L | F | Ġ | IE | Z | U | M |
| Ċ | N | Q | Ħ | B | A | Ħ | R | I | J | A | P | GĦ | G | GĦ |
| N | Ż | A | IE | U | B | D | Ġ | L | A | N | E | M | E | S |
| A | A | R | U | A | Ħ | H | I | K | O | V | I | J | D | Q |
| R | N | N | F | Ħ | A | R | R | U | B | I | T | F | D | N |
| Ċ | A | I | B | B | N | Ċ | I | J | U | S | GĦ | A | U | A |
| I | GĦ | T | E | Ċ | F | I | D | L | O | Q | Q | O | M | R |
| S | Q | A | B | R | U | GĦ | A | N | E | N | F | L | R | Ż |
| B | A | L | A | H | S | B | U | Ż | B | IE | Ż | E | E | P |
| R | I | Z | L | H | A | Z | R | I | D | P | K | L | B | E |
| K | O | K | K | A | W | I | N | GĦ | A | W | R | L | I | P |
| V | H | P | A | P | O | Ċ | Ċ | I | K | E | W | U | GĦ | R |
| J | B | A | L | L | U | T | D | Ħ | A | N | E | X | J | I |
| R | I | Z | Z | I | IE | H | W | I | Ż | GĦ | A | E | P | N |

Fittex dawn l-ismijiet ta' FAWNA u FLORA Maltin

- Alka
- Baħrija
- Ballut
- Brimba
- Bugeddum
- Bużbież
- Fidloqqom
- Ġarġir
- Ħanex
- Ħanfusa
- Ħarrub
- Kokka

- Lellux
- Narċis
- Nemes
- Papoċċi
- Peprin
- Qabru
- Qarnita
- Qniepen
- Rizzi
- Wiżgħa
- Żunżan



Nemes



Rizza



Lelluxa

## iBagħTilna RiTratt!

Tista' tapprezza n-natura anke mid-dar tiegħek stess.

Urina x'tara!!

Ħu ritratt tal-għasafar li tara fl-inħawi madwar id-dar tiegħek u ibgħathulna permezz ta' email fuq

**pr@bov.com**

Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Zakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130.

Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).

BOV Bank of Valletta

FATTI FAWNA




# il-Fenek

- Il-Fenek huwa mammiferu. L-isem xjentifiku tiegħu huwa *Oryctolagus cuniculus*. Il-kelma *Oryctolagus* ġejja minn kelma bil-Grieg li tfisser **xi ħadd li jħaffer**.

- Il-fenek għandu dwiefer b'saħħithom u jużahom biex iħaffer. Il-fniek iħaffru bħal għerien żgħar biex jistaħbew fihom, u jħaffru wkoll biex jikxfu għeruq tajbin għall-ikel.

- Il-fenek huwa erbivoru, jiġifieri jiekol materjal mill-pjanti, bħal weraq, fjuri u għeruq.

- Il-fenek li jgħix fil-kampanja nsejħulu wkoll **fenek selvaġġ** ħalli ma nħawduhx mal-fniek li jrabbu n-nies. Madankollu l-fenek selvaġġ u l-fenek domestiku huma l-istess speċi.

- Aktarx li l-fenek mhux indiġenu għal Malta imma nġab hawn żmien twil ilu mill-bniedem, forsi fi żmien ir-Rumani jew anke qabel. Il-fenek insibuh f'Malta, f'Għawdex u anke fuq Kemmuna.

- Il-fenek ma jħobbx joħroġ binhar għax jibża' mill-predaturi (fosthom il-bniedem). Matul il-ġurnata joqgħod mistoħbi fil-ħofra tiegħu, u joħroġ jirgħa wara li tinżel ix-xemx.

- Il-fniek li jgħixu fir-riserva naturali tal-Għadira draw joħorġu anke binhar. Għaliex? Għax hemmhekk ħadd ma jfixkilhom!

- Il-fniek ikollhom ħafna żgħar. Dawn jitwieldu bla pil u b'għajnejhom magħluqin. Ommhom tieħu ħsiebhom fil-bejta u ma tħallihomx joħorġu qabel ma jkollhom ftit ġimgħat.

- Fenek żgħir ngħidulu **żarmuġ** u grupp żrameġ ngħidulu **boton**.

- Il-fenek mhuwiex protett is-sena kollha. Minn Ġunju sa Diċembru l-kaċċaturi jistgħu joħorġu jisparawlhom. Msieken!




ECOHIVE
MISSIONS
SAVING THE PANDAS
WRITTEN BY ELENA
IT'S ANOTHER HOT DAY IN MALTA,
PERFECT FOR THE BEACH BUT...
HAHAHA!!
SPEED MONSTER
BARBEQUE!!
TODAY I FEEL LIKE COOKING SOME FRESH TREES WITH LIVE WILD ANIMALS!
SCHREECH!
THE GARBAGE MONSTER HEADED IN THE OPPOSITE DIRECTION...
MALTESE PEOPLE ARE FAR TOO KIND! THEY LEAVE TRASH FOR ME EVERYWHERE!
ALL I NEED IS TO PILE IT ALL UP...
THROW IN A GLASS BOTTLE...
OH NO...
GLASS WILL CONCENTRATE SUN RAYS AND... KAPOOF! LET THE ROASTING BEGIN!
WE HAVE TO CALL ECOHIVE BEFORE OUR HOME BURNS DOWN!
PANDA BROTHERS?! WHAT'S THE EMERGENCY?
SOME STINKY GUY SHOWED UP, TRASHED OUR PLACE AND NOW HE'S SETTING THE FOREST ON FIRE!
STINKY AND MEAN? WE KNOW THIS GUY WELL!
HURRY!!! IF MORE PLASTIC BURNS, TOXIC FUMES WILL POISON US ALL!
WE'RE ON OUR WAY! AND WE'RE BRINGING COMPANY!
WE'RE ALL READY TO GO!
AAARGH...
OF COURSE THEY HAVE TO PLAY THE HEROES AND "SAVE THE DAY"! I BETTER GET OUT OF HERE...
WE NEED TO ACT QUICKLY CAUSE FIRE TRAVELS FAST
THANK YOU COMMANDER YELLOW AND GENERAL BUZZ! YOU'RE AWESOME AS ALWAYS!
SORTED! NOW OFF TO ECOHIVE, FOR RECYCLING!
GREAT TEAMWORK, GUYS!
YAY!
A FEW MOMENTS LATER AT ECOHIVE...
ECOHIVE
recycling
ALWAYS SORT YOUR PLASTICS SO THEY CAN BE TRANSFORMED INTO NEW PRODUCTS
REMEMBER, REDUCING IS ALWAYS THE BEST SOLUTION!
VISIT ECOHIVE.COM.MT/KIDS